# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**
**AĠENT PRESIDENT**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 8 ta' Lulju 2025**

**Numru: 1**

**Rikors numru: 94/2022/2**

**Mortar Holding Services Company Limited (C-73924)**

**v.**

**Satabank plc (C-66993), l-Awtorità Għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u għal kull interess li jista' jkollu l-Avukat Dr Richard Galea Debono fil-kwalità tiegħu ta' kontrollur tas-Soċjetà Satabank plc**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar talba ta' ritrattazzjoni tas-7 ta' Jannar, 2025 magħmula mill-Awtorità Għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta taħt l-**Artikolu 811(l) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** sabiex

jinstema' mill-ġdid l-appell li ġie maqtugħ minn din il-Qorti b'sentenza mogħtija fis-7 ta' Ottubru, 2024, wara li tiġi mħassra l-istess sentenza.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tal-4 ta' Frar, 2022, il-kumpanija Mortar Holding Services Company Limited talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivil sabiex: (i) tikkundanna lil Satabank plc u lill-Awtorità Għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta sabiex jagħtuha lura s-somma ta' €553,373.48 li jinsabu depożitati f'kont bankarju ma' Satabank plc; (ii) tiddikjara li Satabank plc u/jew l-Awtorità Għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta huma responsabbli għad-danni kollha li ġarrbet u għadha qed iġġarrab minħabba li ma ntraddux lura dawn il-flus; u (iii) li tillikwida u tordna l-ħlas ta' dawn id-danni.

3. L-Avukat Richard Galea Debono bħala kontrollur ta' Satabank plc u f'isem l-istess Satabank plc wieġeb fid-9 ta' Marzu, 2022, filwaqt li l-Awtorità Għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta wieġbet fit-23 ta' Marzu, 2022. Fost ir-raġunijiet imsemmija minnhom għaliex it-talbiet ta' Mortar Holding Services Company Limited ma jistgħux jintlaqgħu kien hemm dik li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili m'għandhiex il-kompetenza bil-liġi li tiddeċiedi din il-kawża, minħabba li fil-fehma tagħhom tali kompetenza hija mogħtija lill-Bord tal-Appelli skont id-dispożizzjonijiet tal-**Att Dwar Kumpanniji Kontrollati (Proċedura Ta' Stralċ)**.

4. Fis-seduta tal-31 ta' Mejju, 2022 ġie verbalizzat li l-ewwel għandha tiġi deċiża l-eċċezzjoni tal-konvenuti dwar il-kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li tiddeċiedi l-kawża.

5. B'sentenza mogħtija fil-5 ta' Lulju, 2023, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet l-eċċezzjoni tal-inkompetenza mqajma mill-konvenuti u b'hekk il-kawża tħalliet sabiex din titkompla f'data oħra.

6. Satabank plc u l-Avukat Richard Galea Debono bħala kontrollur tagħha ressqu appell fis-17 ta' Lulju, 2023 u talbu lill-Qorti tal-Appell sabiex tħassar is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u tiddikjara li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mhijiex kompetenti biex tisma' l-kawża.

7. L-istess għamlet l-Awtorità Għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta li appellat fit-28 ta' Lulju, 2023 u talbet ukoll sabiex titħassar is-sentenza appellata u jiġi ddikjarat li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ma tistax tistħarreġ il-kawża.

8. Mortar Holdings Services Company Limited wieġbet għal dawn iż-żewġ appelli b'żewġ risposti separati tal-11 ta' Settembru, 2023 u fihom saħqet li l-appelli għandhom jiġu miċħuda t-tnejn li huma.

9. B'sentenza mogħtija fis-7 ta' Ottubru, 2014, din il-Qorti b'Imħallfin

differenti, ċaħdet l-appell ta' Satabank plc u tal-Avukat Richard Galea Debono bħala kontrollur tagħha u b'hekk ordnat lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex l-atti jintbagħtu lura lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tissokta bis-smigħ tal-kawża.

10. Aktar tard fis-7 ta' Jannar, 2025, l-Awtorità Għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ressqet rikors fejn qalet li hemm raġunijiet tajba biżżejjed biex is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fis-7 ta' Ottubru, 2024 tiġi mħassra u l-kawża tiġi ritrattata skont l-**Artikolu 811(l) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

11. Fil-qosor, ir-raġuni wara t-talba tagħha għar-ritrattazzjoni ta' din is-sentenza hija li fil-fehma tagħha l-Qorti tal-Appell żbaljat meta fis-sentenza tagħha qalet li ma sarx appell mill-Awtorità Għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta għaliex bħala stat ta' fatt jirriżulta li dan l-appell sar.

12. Għalhekk hija talbet lil din il-Qorti sabiex:

> *«tħassar is-sentenza tagħha tas-7 ta' Ottubru, 2024 fl-ismijiet premessi u għar-raġunijiet indikati fis-suespost u ai termini tal-**Artikolu 811(l) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, tordna r-ritrattazzjoni tal-istess fl-istadju ta' appell.»*

13. Mortar Holdings Services Company Limited wieġbet fit-28 ta' Jannar, 2025 u fissret li hija taqbel li hemm dak l-iżball fis-sentenza li dwarha qiegħda tintalab ir-ritrattazzjoni. Għalhekk hija ddikjarat li qiegħda

tħalli f'idejn din il-Qorti dwar kif għandha tiddeċiedi din it-talba għar-ritrattazzjoni, basta però li hija m'għandhiex tbati l-ispejjeż ta' din il-proċedura.

14. L-Avukat Richard Galea Debono bħala kontrollur ta' Satabank plc wieġeb fis-7 ta' Frar, 2025 u stqarr li anke hu sejjer joqgħod għal kull deċiżjoni li sejra tieħu din il-Qorti.

15. Fis-7 ta' Mejju, 2025, din il-Qorti qajmet eċċezzjoni *ex officio* skont l-**Artikolu 732A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** sabiex il-partijiet jiddiskutu waqt it-trattazzjoni tal-appell il-kwistjoni dwar:

> *«Jekk skont id-dispożizzjonijiet tal-**Artikolu 811 tal-Kodiċi ta' OIrganizzazzjoni tal-Proċedura Ċivili**, l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta tistax titlob li ssir ir-ritrattazzjoni ta' sentenza li ma ddeċidietx il-kawża iżda li qatgħet biss eċċezzjoni dwar il-kompetenza tal-Qorti li tisma' l-kawża?»*

16. Waqt is-seduta tas-26 ta' Mejju, 2025, l-avukat tal-Awtorità Għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta għarraf lil din il-Qorti li hija kienet biħsiebha tressaq rikors skont l-**Artikolu 229(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** sabiex tikkonsidra mill-ġdid dan id-digriet tagħha, liema rikors tressaq fid-29 ta' Mejju, 2025. Dakinhar stess tas-seduta tas-26 ta' Mejju, 2025 l-avukat ta' Mortar Holdings Services Company Limited talab lil din il-Qorti sabiex jitħalla jressaq l-eċċezzjoni dwar jekk tistax issir talba għar-ritrattazzjoni ta' sentenza parzjali.

17. B’digriet mogħti fit-12 ta’ Ġunju, 2025, din il-Qorti ċaħdet it-talba għar-rikonsiderazzjoni tad-digriet mogħti minnha fis-7 ta’ Mejju, 2025. Fl-istess digriet ġie ddikjarat ukoll li ma kienx hemm għalfejn tiġi deċiża t-talba ta’ Mortar Holdings Services Company Limited sabiex titħalla tressaq l-eċċezzjoni dwar l-improponibbiltà tar-ritrattazzjoni ladarba din l-eċċezzjoni ġa tqajmet *ex officio* minn din il-Qorti.

18. Inżamm smigħ fis-17 ta’ Ġunju, 2025 u wara li din il-qorti ħadet qies ta’ dak li kellhom xi jgħidu l-avukati tal-partijiet, il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum dwar din it-talba għar-ritrattazzjoni.

**Konsiderazzjonijiet:**

19. L-ewwel ħaġa li teħtieġ li tiġi deċiża hija jekk l-Awtorità Għas-Servizzi Finanzjarji ta’ Malta tistax titlob ir-ritrattazzjoni ta’ sentenza, jekk il-kawża tkun għadha ma spiċċatx. Dan għaliex jekk it-tweġiba għal din il-mistoqsija hija fin-negattiv, mela allura l-azzjoni tal-Awtorità Għas-Servizzi Finanzjarji ta’ Malta tmut minnufih.

20. Il-liġi tagħna tgħid fl-**Artikolu 811 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, li kawża deċiża b’sentenza tista’ tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza. Ingħad dwar dan l-artikolu tal-liġi, li la r-ritrattazzjoni hija tal-kawża, mela allura ma jistax ikun hemm

ritrattazzjoni meta l-kawża tkun għadha qiegħda tiġi trattata (ara ***Karmenu Mifsud Bonniċi noe et v. John Scicluna noe et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' April, 1993). F'dan is-sens il-ġurisprudenza fissret tul iż-żminijiet li parti ma tistax tressaq talba għar-ritrattazzjoni, jekk is-sentenza li tkun qiegħda tiġi attakkata tkun waħda biss parzjali, li ma tkunx temmet it-tilwima kollha li jkun hemm għaddejja bejn il-partijiet. Dan ġie deċiż hekk għaliex il-leġislatur, «*illeġisla li r-rimedju jkun disponibbli biss meta l-kawża tiġi deċiża u mhux meta tingħata sentenza parzjali, anke jekk finali*» (ara ***James Buttigieg et nomine v. Dr Michael Caruana et nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu, 2016).

21. Hekk pereżempju talbiet għar-ritrattazzjoni ġew meqjusa bħala nulli, kemm f'każijiet fejn kienu qegħdin jiġu attakkati sentenzi li ma ddeċidewx il-mertu imma eċċezzjonijiet preliminari (ara ***Avukat Dottor Henry sive Eric Mamo noe et v. Michael Axisa et**,* Appell Superjuri tas-16 ta' Diċembru, 2003), kif ukoll f'każijiet fejn fis-sentenza attakkata jkunu ġew deċiżi b'mod finali wħud biss mit-talbiet tar-rikors maħluf u mhux it-talbiet kollha (ara ***Isabella Zananian Desira v. Kunsill Mediku***, Appell Superjuri tal-31 ta' Mejju, 2019).

22. Mill-banda l-oħra però, talba għar-ritrattazzjoni ġiet meqjusa mill-qrati tagħna bħala waħda ammissibbli, fejn f'każ ta' aktar minn konvenut wieħed, is-sentenza attakkata, għad li din ma tkunx għalqet il-kawża fil-

konfront tal-konvenuti kollha, madankollu din tkun għalqet it-tilwima b'mod finali fil-konfront ta' wieħed mill-konvenuti, b'tali mod li dwar dak il-konvenut partikolari ma jkunx hemm aktar x'jiġi deċiż (ara ***Carmelo Cachia et v. Olga Mifsud et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu, 2022).

23. Imħaddem dan kollu fil-każ tal-lum, jirriżulta li fil-mument li l-Awtorità Għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ressqet ir-rikors ta' ritrattazzjoni tagħha fis-7 ta' Jannar, 2025, is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti nhar is-7 ta' Ottubru, 2024 ma kinitx għalqet il-kawża kollha li kien hemm għaddejja bejn il-partijiet. Anzi t-tilwima bejn il-partijiet kienet għadha miftuħa beraħ, tant li din il-Qorti kienet fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Ottubru, 2024 bagħtet l-atti lura lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tissokta bis-smigħ tal-kawża. Il-kawża quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili reġgħet ġiet appuntata u billi din għadha għaddejja ma japplikawx iċ-ċirkostanzi msemmija fis-sentenza ***Dr Patrick Spiteri v. Sylvana Spiteri*** deċiża fil-31 ta' Mejju, 2023, fejn talba għar-ritrattazzjoni ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell li ma kinitx iddeċidiet it-talbiet kollha tal-attur ġiet mistħarrġa, peress li l-attur kien abbanduna l-prosegwiment tal-kawża quddiem l-Ewwel Qorti sabiex jiġu deċiżi t-talbiet l-oħra li kien għad fadal.

24. Ifisser dan kollu, li ladarba fil-każ tagħna l-kawża bejn il-partijiet

għadha miftuħa, mela allura l-Awtorità Għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ma tistax tinqeda bl-**Artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** sabiex titlob ir-ritrattazzjoni ta' sentenza li ma qatgħetx it-tilwima kollha li hemm għaddejja bejn il-partijiet iżda li ddeċidiet biss li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandha s-setgħa li tisma' u tiddeċiedi t-talbiet imressqa minn Mortar Holding Services Company Limited fir-rikors maħluf tagħha.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda tiddikjara r-rikors tal-Awtorità Għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta bħala wieħed irritu u null, u b'hekk tiċħad it-**talba** għar-ritrattazzjoni kif magħmula, bl-ispejjeż kontra l-imsemmija Awtorità.

| | | |
|---|---|---|
| Grazio Mercieca<br>Aġent President | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss